MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF
NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 1665/2001/1

Kawza fil-lista: 21

**A B C, mart D B C, f' isimha proprju u bhala kuratrici ad litem ta' uliedha minuri E u F, ahwa B C; u b' digriet sussegwenti gew nominati bhala kuraturi ad litem minnflok l-attrici, l-Avukat Dottor Beppe Fenech Adami u l-Prokuratur Legali Louisa tufigno biex jirrapprezentaw lill-minuri
vs
D B C**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi l-partijiet izzewgu fit-28 ta’ April 1985 u ghandhom zewgt ibniet minorenni: E li twielBt fis-17 ta’ Gunju 1988 u F li twielBt fit-8 ta’ JEar 1991;

U peress li l-hajja konjugali bejn il-partijiet m’ ghadhiex aktar possibli ghaliex iz-zwieg tkisser irrimedjabilment kif ukoll ghaliex il-konvenut irrenda lilu nnifsu hati ta’ mohqrija, eccessi, theddid u offizi gravi fil-konfront ta’ l-attrici;

U peress illi l-attrici giet Bbitament awtorizzata sabiex tipprocedi ghas-separazzjoni personali b’ digriet numru 1197/2001 emess mis-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta’ Awwissu 2001;

U peress illi bhala konsegwenza tal-htijiet mill-konvenut kommessi huwa ghandu jinkorri d-BkaBnzi komminati fl-artikoli 48, 51 u 52 tal-Kodici Civili;

U peress illi l-attrici gabet fiz-zwieg diversi oggetti u proprjeta’ parafernali taghha li gew, fil-kors taz-zwieg, fil-kontroll tal-konvenut;

U peress illi l-attrici wkoll rceviet, fil-kors taz-zwieg, diversi donazzjonijiet li kollha marru ghal-beneficcju tal-komunjoni ta’ l-akkwisti bejn il-partijiet;

U peress illi, bhala rizultat tas-separazzjoni mitluba, hemm il-htiega li tigi dikjarata xolta l-imsemmija komunjoni ta’ l-akkwisti u jigu, mill-istess komunjoni, prelevati dawk il-beni, jew il-valur taghhom, lill-attrici spettanti bhala parafernali jew bhala kreditrici fil-konfront ta’ l-istess komunjoni ta’ l-akkwisti;

U pererss illi l-attrici qieghda tabita flimkien ma’ l-imsemmija uliedha minuri E u F B C fid-dar matrimonjali “Villa BelveBre”, Vjal it-Trasfigurazzjoni, Lija minn liema il-konvenut recentement allontana lilu nnifsu;

Jghid il-konvenut ghaliex din il-Qorti m’ ghandhiex:

1. Tippronunzja u taghti s-separazzjoni personali bejn il-partijiet minhabba li l-hajja taghhom flimkien m' ghadiex aktar possibbli ghaliex iz-zwieg taghhom tkisser irrimedjabilment kif ukoll minhabba li l-konvenut irrenda lilu nnifsu hati ta' mohqrija, eccessi, theddid u offizi gravi fil-konfront ta' l-attrici;

2. Takkorda u tafda l-kura u l-kustodja ta' l-imsemmija tifla minorenni E u F B C lill-attrici;

3. TikkundEah ihallas lill-attrici ghaliha u ghall-imsemmija tfal minorenni E u F B C retta alimentarja li joghgobha tiffissa f' ammont kongruwu;

4. Tiddikjara u tidBciedi li l-konvenut sofra dawk id-BkaBnzi komminati fl-artikoli 48, 51 u 52 tal-Kodici Civili minhabba l-htijiet premessi;

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet tenut kont tad-BkaBnzi imsemmija fit-talba preceBnti;

6. Tillikwida l-prelevamenti dovuti lill-attrici bhala konsistenti f' donazzjonijiet u rikavat mill-bejgh ta' oggetti parafernali lilha appartenenti versati fil-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet;

7. Tillikwida l-assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet wara li tassenja lill-attrici dak lilha spettanti fid-dawl tal-prelevamenti spettanti lilha kif mitlub fit-talba preceBnti;

8. Minghajr hsara ghall-imsemmija ghad-BkaBnzi komminati u prelevamenti spettanti lill-attrici kif mitlub fit-talbiet preceBnti, taqsam l-assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti, jew ir-rimanenza taghha, bejn il-partijiet u tassenja l-istess kif dan il-Qorti jidhrilha xieraq fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz;

9. TikkundEah jikkonsenja lill-attrici, fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss minn din il-Qorti l-oggetti mobbli kollha parafernali taghha u fin-nuqqas tikkundEah ihallas

lill-attrici l-valur taghhom stabbilit minn din il-Qorti, okkorrendo bl-opera ta' perit jew periti nominandi;

10. Tordna l-pubblikazzjoni ta' l-att pubbliku relattiv minn Nutar li tinnomina din l-Qorti f' data, lok u hin li tiffissa din il-Qorti ghal dan l-iskop u tappunta kuratur ghall-eventwali kontumacja tal-konvenut fuq dan l-att u;

11. Tawtorizza lill-attrici tibqa' tabita ma' l-imsemmija tfal minorenni taghha E u F B C fid-dar "Villa BelveBre", Vjal it-Trasfigurazzjoni, Lija ad eskluzjoni tieghu.

Bl-ispejjez komprizi dawk inkorsi ghall-proceduri quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili (Digriet Numru 1197/2001 u Rikors Numru 1527/2001) kontra l-konvenut ingunt minn issa sabiex jidher personalment ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet li biha l-konvenut eccepixxa: li fil-meritu l-ewwel talba ta' l-attrici hija infondata u ghandha tigi michuda stante li kienet l-attrici stess li rrendiet ruhha kolpevoli versu l-eccipjent ta' swat, sevizzi, eccessi, ingurji gravi ta' vjolenza fil-konfront tal-minorenni; li l-attrici mhijiex fil-kondizzjoni mentali li tigi fdata bil-kura u kustodja tat-tfal minuri; li l-attrici m' ghandhiex dritt li tircevi manteniment kemm minhabba li abbandunat id-dar konjgali, kif ukoll peress li ghandha mezzi aBgwati ghall-ghejxien taghha; li d-BkaBnza ghandhom jigu applikati fil-konfront ta' l-attrici u mhux tal-konvenut; li jaqbel mat-talbiet numri 5 sa 8; li l-attrici haBt il-parti l-kbira tal-mobbli taghha, u zammet ghaliha oggetti tal-komunjoni; li t-tfal ghandhom "jirritornaw fl-appartament tal-konvenut li, ghal hafna snin, serva bhala d-dar matrimonjali."

Rat id-digriet moghti fl-udjenza tal-25 April 2002 li permezz tieghu giet ordnata l-konnessjoni tal-kawzi bejn il-kawza odjerna u dik fl-ismijiet inversi cit.nru.1578/01, u li l-provi f' kawza jghoddu ghall-kawza l-ohra;

Rat ir-rapporti tal-perit legali u tal-periti teknici;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati, il-listi tax-xhieda u l-affidavits tal-partijiet;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qed titlob is-separazzjoni personali bejn il-partijiet stante li l-hajja konjugali bejniethom mhijiex aktar possibbli, tort tal-konvenut fit-termini ta’ l-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta; kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

Minn naha tieghu l-konvenut qed jattribwixxi t-tort lill-attrici tat-tkissir taz-zwieg lill-attrici.

Illi l-Qorti taghmel referenza u taddotta bis-shih il-konsiBrazzjonijiet u konkluzjonijiet raggjunti minnha fis-sentenza moghtija llum fil-kawza fl-ismijiet inversi numru 1578/01.

Ghal dawn il-motivi tidBciedi billi:
[1] tastjeni milli tippronunzja s-sepazzjoni personali bejn il-partijiet, stante li z-zwieg gie dikjarat null fil-mori tal-kawza;
[2] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba, stante li t-tfal illum huma maggjorenni;
[3] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba, in kwantu z-zwieg illum huwa Eullat, u t-tfal huma maggjorenni;
[4] tilqa’ ir-raba’ talba;
[5] tilqa’ it-talbiet numri, hamsa, sitta, seba’ u tmienja kif stabbilit fis-sentenza fuq citata;
[6] tilqa’ t-talba numru  disa’ fis-sens stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata “Mobbli – Komunjoni – Parafernali” skond is-sentenza precitata;
[7] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tad-disa’ talba, stante li hija superfluwa, u tordna li din it-talba ma tigix ntaxxata;
[8] tilqa’ t-talba numru hdax limitatament ghall-attrici, u tordna li l-imsemmi fond ma jibqax jitqies bhala l-fond matrimonjali tal-partijiet, izda fond appartenenti lill-istess attrici;

L-ispejjez ikunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------